MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2139/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Claire Bugelli sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Claire Bugelli**

**vs**

**Joseph Falzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab illi dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u disa' u sittin lira Maltin u tmenin centezmi (Lm369.80) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tas-16 ta' April, 2002, fi Triq M.A. Vassalli (Regional Road), San Gwann, bejn il-vettura bin-numru DBG 839 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru CVA 473 misjuqa minn Marco Bugelli u propjeta' ta' l-attrici Claire**

**Bugelli, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) 'Excess' imhallsa mill-attrici Claire Bugelli, li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mill-1 ta' Ottubru, 2002, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut ma pprezentax risposta pero` deher fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2003, u ddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici.**

**Sema' x-xhieda ta' Joseph Falzon, Marco Bugelli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fis-16 ta' April, 2002, fi Triq M.A.Vassalli (Triq Regjonali) San Gwann, bejn il-vettura CVA 473 misjuqa minn Marco Bugelli u ta' proprjeta` ta' l-attrici Claire Bugelli, u l-vettura DBG 839 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Il-fatti huma cari. Iz-zewg sewwieqa kienu gejjin mid-direzzjoni tal-Gzira u waqfu fejn hemm it-traffic lights qabel ir-roundabout li hemm f'dak il-lok. L-attur ried jaqbad ir-roundabout biex jibqa sejjer lejn San Gwann, filwaqt li l-konvenut ried jikser lejn l-Imsida. L-attur kien miexi fil-karreggjata tax-xellug, cioe` dik vicin tal-bankina, u fuq il-lemin tieghu kien hemm il-**

**konvenut. Jirrizulta li l-konvenut kien ftit aktar lura mill-attur.**

**3. It-Tribunal jirrileva ukoll illi dak il-hin kien hemm it-traffiku, u quddiemhom kien hemm xi zewg vetturi ohra.**

**4. It-Tribunal jinnota li qed jigri spiss wisq li jsehh incident f'dik il-parti fejn hemm ir-roundabout. F'dan il-kuntest it-Tribunal qed jirrileva li hu importanti li dak li jkun jiehu il-karreggata gusta li taghti ghad-direzzjoni li fiha ikun irid imur, biex ma jkollux in-necessita` li jaqsam il-"flow of traffic". Hu wkoll opportun li min ikun hemm jaghti indikazzjoni sew minn qabel liema direzzjoni irid jiehu, u mhux ihalli tali senjalazzjoni ghall-ahhar moment. Hu importanti ukoll li f'dak il-post kulhadd isuq bil-massima diligenza, specjalment minhabba illi l-linji tat-traffiku tal-vetturi mid-diversi postijiet jistghu jkunu ta' intralc lil xulxin. Importanti wkoll li minn qed jsuq hemm ikun jaf jistenna, u mhux jippunta biex jassikura ruhhu li jghaddi qabel ma jmorru jaqilbu d-dwal.**

**5. Tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal innota in partikolari dak li xehed il-konvenut meta qal: "Xeghelt l-*indicator* li ser indur lejn ix-xellug, ezatt kif hrigt minn got-*traffic lights*. Xegheltu ezatt wara li tlaqt mill-*lights*." Huwa evidenti li l-konvenut ma ghamilx is-senjalazzjoni kif rikjesta. Izda ghamilha biss fl-ahhar mument. It-Tribunal jirrileva li l-manuvra li ried jaghmel il-konvenut kien litterlament li jaqsam il-linja li minnha kellu jghaddi l-attur, u li tali manuvra ghamilha meta l-attur kien qed jipprecedih. Ghalhekk il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**

**6. Id-danni huwa dawk li jirrizultaw mid-dokumenti esebiti fl-ammont mitlub fl-avviz, inkluzi l-hamsa u ghoxrin lira excess.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u**

**erbghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm344.80) u lill-attrici is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25), bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Ottubru, 2002 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru, 2002 u tal-ittra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------